



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.07.2004
KUMM(2004) 473 finali

2004/0146 (COD)

Proposta għal

ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontroll tat-Traffiku ta' l-Ajru

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-ispazju ta' l-ajru Ewropew jibqa' wieħed mill-iktar ambjenti fid-dinja maħnuqa bit-traffiku. Il-frammentazzjoni tas-sistema ta' l-immaniġjar ta' l-ajru f' bosta żoni ta' l-ajru nazzjonali, b' regoli, proċeduri, swieq u livelli ta' effiċjenza kienet identifikata mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar Sema Waħda Ewropea bħala l-ostaklu ewlieni għal ksib ta' progress sostanzjali f'din l-industrija. Il-pakkett dwar Sema Waħda Ewropea tipprova ssib soluzzjoni għal dawn il-forom differenti ta' frammentazzjoni permezz ta' numru ta' attivitajiet: ċertifikazzjoni ta' navigazzjoni ta' l-ajru għal min jipprovdi dan is-servizz, twaqqif ta' blokok funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru, armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru, interoperabilità tat-tagħmir, eċċ. Il-Liċenzja Komunitarja tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru wkoll twettaq dan permezz tat-twaqqif ta' regoli Komunitarji li jwasslu għal livelli għola ta' kompetenza li huma iktar komparabbli fuq livell Ewropew. Dan isir ta' importanza ikbar billi l-immaniġjar tat-traffiku ta' l-ajru hija industrija ta' ħidma intensiva b' suq ta' 6 biljun €. Madwar 60% ta' l-ispejjeż tan-navigazzjoni bl-ajru huma relatati mal-persunal.

Fl-2001, l-industrija għat-tmexxija tat-traffiku ta' l-ajru ta' l-Ewropa (il 15-il Stat Membru) kellhom qawwa tax-xogħol li tlaħħaq madwar 33,000, xi 35% minnhom jew madwar 13,500 huma kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Il-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru hija pożizzjoni fundamentali fil-katina tas-sigurtà. Id-direttiva għandha tkopri dawn il-kontrolluri tat-traffiku kollha, flimkien ma' kontrolluri militari involuti fil-forniment ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru sat-traffiku ta' l-ajru ġeneriku.

2. L-ELEMENT TAL-PAKKETT TA' SEMA WAĦDA EWROPEA

L-adozzjoni ta' l-erba' regolamenti li jikkomponu il-pakkett tas-Sema Waħda Ewropea għandhom ibiddlu fundamentalment it-tmexxija fil-kwadru tat-traffiku ta' l-ajru. Il-proposta komplementari għal-liċenzja Komunitarja għall-kontroll ta' traffiku ta' l-ajru hija importanti għal bosta raġunijiet.

Il-liċenzja tikkontribwixxi għall-*bilanċ* bejn l-elementi differenti tal-pakkett tas-Sema Waħda Ewropea, biex tiżgura li mhux biss aspetti istituzzjonali, ekonomiċi jew tekniċi huma meħuda in konsiderazzjoni, iżda ukoll l-aspetti soċjali.

Il-Liċenzja hija parti minn politika tas-sigurtà usa li tinsab fil-pakkett: għandha tipprovdi l-opportunità biex aspetti tas-sigurtà tat-tmexxija tat-traffiku ta' l-ajru jiġu riveduti jew rinfurzati u biex jiġu introdotti *standards* għola għas-sistemi tat-taħriġ.

Il-leġislazzjoni tas-Sema Waħda Ewropea għandha twassalna biex jiġu stabbiliti blokok funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru li jkunu transfruntieri. Il-proċess ta' konsolidazzjoni tan-navigazzjoni ta' l-ajru għal min jipprovdi dan is-servizz jirrikjedi użu aktar flessibbli tan-nies tax-xogħol. Il-liċenzja għandha tiffaċilita l-organizzazzjoni tax-xogħol transnazzjonali.

Il-proposta għandha tagħraf *it-taħriġ* bħala servizz speċifiku u tikkontribwixxi għall-kwalità tat-tipi differenti ta' taħriġ. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni joħloq effettivament kundizzjonijiet indaqs għas-servizzi tat-taħriġ.

3. XOGĦOL TA' TĦEJJIJA

Sabiex titlesta din l-inizjattiva leġislattiva l-Kummissjoni varat studju biex tippreżenta l-istat tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji fl-Istati Membri differenti. Dan l-istudju żvela illi, minkejja ħafna regolamenti interni, maħruġa mill-ICAO jew mill-Eurokontroll, is-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji jibqa' wieħed frammentat fl-Istati Membri ta' l-UE. L-istudju jagħti l-parir li l-leġislazzjoni tal-Komunità għandha tkopri l-oqsma li ġejjin:

- Limiti fl-età, validità tal-kwalifiki annotati u annotazzjoni ta' unitajiet għandhom jiġu pprovduti in relazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm liċenzja.
- Verifiki dwar il-kompetenza tal-kontrolluri, l-proċess tat-taħriġ u l-kriterji għall-eżaminazzjoni, inkluż kwalifiki lingwistiċi u monitoraġġ, għandhom jiġu deskritti f'relazzjoni mat-taħriġ tal-kandidati u l-*standards* tal-kompetenza.
- Kull faċilità trid tkun akkredidata, u l-kriterji ta' kwalifikazzjoni istruttivi għandhom jiġu speċifikati f'relazzjoni ma l-għarfien ta' l-Istitut ta' Taħriġ u l-Unitajiet ta' Taħriġ.
- Għandhom jiġu deskritti l-jeddijiet tal-kandidati li jeħlu mill-eżamijiet u l-kontrolluri li jagħmlu valutazzjonijiet ħżiena, f'dak li huma ċ-ċirkostanzi u l-proċess ta' l-appell.
- Id-distinzjoni għandha tkun trasparenti u definita b'mod ċar in relazzjoni ma' l-indipendenza bejn l-Awtoritajiet Regolaturi u min Jipprovi s-Servizzi.
- *Standard* Ewropew għall-għarfien ta' l-istituzzjonijiet ta' taħriġ huwa rakomandati b'qawwa, inkluża sistema ta' valutazzjoni interna li tkun trasparenti u kontinwa.
- Għalkemm l-introduzzjoni tal-liċenzja Komunitarja tal-kontrollur tat-traffiku hija milqugħa b'ħerqa, id-Direttiva għandha tiddifferenzja b'attenzjoni bejn dak li għandu jkun regolat fuq livell ta' l-UE u dak li għandu jitħalla biex jiġi kunsidrat nazzjonalment.
- Djalogu soċjali proprju huwa komponent fundamentali għal forniment ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru li jkunu protetti u effiċjenti u, għalhekk, id-Direttiva proposta għandha tinkludi referenza li tirrigwardja l-għarfien ta' liċenzji minn pajjiżi terzi.
- Għarfien reċiproku tal-liċenzja Komunitarja jew ċertifikat tal-kompetenza jista' jkun biss effettiv jekk l-għarfien li ġgħib magħha l-liċenzja huwa l-istess.

4. TĦEJJIJA TAD-DIRETTIVA

L-għoti ta' liċenzji għall-kontrolluri tat-traffiku hija tradizzjoni li ila teżisti fiż-żmien. Regolamenti ICAO dwar l-għoti ta' liċenzji jinkludi rekwiżiti li jkopru l-età, l-għarfien, kwalifiki, esperjenzi, għarfien lingwistiku u li tkun idoneju fiżikament. Il-Eurokontroll adottat is-*Safety Regulatory Requirement* Nru 5 (ESARR5) għall-persunal dwar is-servizzi fl-Immaniġġjar tat-Traffiku ta' l-Ajru, flimkien ma' serje ta' mezzi aċċettabli sabiex jiġi rispettati ESARR5. Ir-rekwiżiti fuq il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru kellhom jiġu implimentati sa' l-10 ta' Novembru 2003. Dawn ir-rekwiżiti huma indirizzati lill-Awtoritajiet Nominati, lil min

jipprovdli servizzi ta' traffiku bl-ajru u lill-individwi. Il-proposta tal-Kummissjoni titrasponi ir-rekwiżiti rilevanti ta' l-ESARR fi ħdan il-liġi Komunitarja.

ESARR5 issib il-bażi tagħha f'materjal żviluppat mill-Eurokontroll sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tiegħu, jissema l-manwal Ewropew għall-għoti ta' liċenzja lill-persunal li jagħti d-dettalji tal-kwalifiki u annotamenti ta' l-istruttura; *l-common core content*, jipprovdli ir-regoli Ewropej komuni għal-liċenzji tal-kontrolluri ta' l-ajru u r-rekwiżiti fiżiċi. Il-valur ta' dan il-materjal huwa rikonoxxut madwar l-Ewropa u pprovdiet għall-elementi essenzjali ta' din il-proposta, li *de facto* fetħet it-triq għall-introduzzjoni tal-liċenzja Komunitarja. Minħabba fil-kompatibilità bejn il-leġislazzjoni tal-Komunità u l-ESARR5, d-dokumenti maħruġa mill-Eurokontroll jistgħu jibqgħu ikollhom rwol importanti biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni tal-Komunità.

L-istudju preparatorju żvela li, minkejja ir-regolament intern eżistenti, tradizzjonijiet nazzjonali huma qawwija, li jgħolqu livelli diversi ta' kwalità u jipproduċu kompetenzi li diffiċli tqabbel. Din il-framentazzjoni mhix aktar aċċettabli fil-kuntest Komunitarju, għax tista' twassal għal żieda ta' riskji għas-sigurtà fl-ispazju ta' l-ajru Ewropew li huwa ġa konġestjonat. L-armonizzazzjoni tal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru għandha iżżid is-sigurtà għax il-livelli ta' kompetenza jiġu armonizzati fost u bejn min jipprovdli s-servizzi, li għandu jwassal għall-interattività iktar effiċjenti u protezzjoni bejniethom. Dan għandu jwassal għal organizzazzjoni effiċjenti tas-swieq tax-xogħol għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru, żieda fid-disponibilità tagħhom u għall-iffaċilitar tat-twaqqif ta' blokko funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru. Il-liċenzja għandha tagħmel il-jedd taċ-ċaqliegħ ħieles aktar effettiv billi teradika d-diskrezzjoni preżenti li ċerti Stati Membri jieħdu f'dak li jirrigwarda l-għarfien reċiproku tal-liċenzji ta' xulxin.

5. IL-PRINĊIPJI LI JIFFURMAW ID-DIRETTIVA

Minħabba fil-fatt li ħafna mill-Istati Membri ġa għandhom leġislazzjoni eżistenti ibbażata fuq il-prinċipji ta' l-ICAO u li bħalissa qegħdin jimplimentaw il-leġislazzjoni dwar Sema Waħda Ewropea u ESARR5, huwa ta' importanza vitali li tiġi żgurata konsistenza ma' din id-direttiva.

5.1. Koerenza mal-pakkett ta' Sema Waħda Ewropea

Fl-istess mod bħas-servizzi tan-navigazzjoni ta' l-ajru, li jiġi provdut taħriġ ikun suġġett għaċ-ċertifikazzjoni. Hekk kif suq għat-taħriġ jiġi mwaqqaf, trid tingħata attenzjoni speċjali sabiex ikun hemm sigurtà adegwata biex jiġi evitat *dumping* fit-taħriġ. Iż-żewġ għodod ewlenin biex jiġi evitat tali *dumping* huma l-lista tal-kompetenzi li jiddeskrivu l-livell ta' taħriġ miksub fl-aħħar u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni sabiex ttipprovdli taħriġ fuq livell Ewropew. Dawk biss li huma ċ-ċertifikati sabiex jipprovdu taħriġ ikunu jistgħu jippreżentaw korsijiet u pjanijiet għat-taħriġ għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.

5.2. Koerenza bejn ir-regoli eżistenti

Il-leġislazzjoni dwar Sema Waħda Ewropea u b'mod partikulari l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar min Jipprovdli Servizzi jiddisponi għat-transpożizzjoni ta' l-ESARRs fil-liġi tal-Komunità. Id-direttiva hija t-transpożizzjoni tar-rekwiżiti mandatorji kollha relatati mal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru u tagħti appoġġ lil azzjonijiet li ġa ttieħdu mill-Istati Membri fl-isforz li jimplimentaw ESARR5. Billi d-direttiva fiha ħafna iktar elementi ta' kritika

rigward is-sigurtà, bħal per eżempju ċ-ċertifikazzjoni għal min jipprovdi taħriġ jew l-obbligu li l-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji jiġi vverifikat, l-implimentazzjoni biss ta' ESARR5 ma' tkunx biżżejjed biex tiġi implimentata id-direttiva. Minn naħa l-oħra, billi ma hemmx inkompatibilità bejn din id-direttiva u l-ESARR5, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jqisu dokumenti ta' l-Eurokontroll bħala strumenti sabiex tiġi implimentata id-direttiva.

5.3. Tqabbil ma liċenzji oħra Komunitarji

Din id-direttiva tmur lil hinn mil-liċenzji li ġa jeżistu għall-piloti fl-avjazzjoni ċivili (91/670/KEE), li hija direttiva dwar l-għarfien reċiproku tad-diplomi nazzjonali. Tista' tiġi mqabbla aħjar ma' liċenzji fis-setturi marittimi u tal-ferroviji (proposta li tinsab fi KUMM(2004)142) fejn ir-regoli tal-kompetenza huma fuq livell Ewropew u ma jitħallewx għad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. Il-liċenzja għall-baħħara (01/25/KE) twassal għat-tħaddim tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-Istandards tat-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u iż-Żamma ta' l-Għassa għall-Baħħara. Id-differenza ma' din id-direttiva hija li l-liċenzja għall-baħħara tiddisponi għall-promozzjoni ta' l-impjiegi bħala baħħara Komunitarji billi timponi *standards* ta' taħriġ għall-persunal kollu tal-vapuri li jidħlu f'port Komunitarju. Huwa ċar li din id-Direttiva għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru għandu jkollha wkoll ċertu awtorità li tmur lil hinn mit-territorju Komunitarju.

6. STUTTURA U KONTENUT TAD-DIRETTIVA

L-għan ta' din id-direttiva hija li tistipola regoli dwar l-elementi kollha fi ħdan il-ħruġ tal-liċenzji.

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jispeċifika l-għanjiet tal-proposta għal Direttiva u l-iskopijiet tagħha.

Artikolu 2

Dan l-Artikolu jiddefinixxi it-termini użati fid-Direttiva.

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jagħmel applikabbli għat-taħriġ il-qafas istituzzjonali stipulat fil-leġislazzjoni dwar Sema Waħda Ewropea. It-taħriġ jiġi meqjus bħala servizz simili għas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, inkluż il-possibilità ta' spezzjonijiet u s'tħarriġ.

Artikolu 4

Dan l-Artikolu jistipola l-prinċipji bażiċi ta' l-iskema għal-liċenzjar: jistabbilixxi suq ta' ħaddiema għall-attivitajiet għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u karatteristiċi bażiċi tal-liċenzja, li tinkorpora kemm il-kompetenzi ta' min hi l-liċenzja u l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni.

Artikoli 5 u 6

Dawn l-Artikoli jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex liċenzja tinħareġ u tibqa' valida.

Artikolu 7

Dan l-Artikolu jirrapreżenta l-armonizzazzjoni tal-kompetenzi billi jimponi struttura ta' kwalifiki u annotamenti li jispesifikaw it-tip tas-servizz li l-kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru huwa kompetenti li jagħti.

Artikolu 8

Dan l-Artikolu jinforza l-aħħar emendi lill-Anness I ta' l-ICAO dwar ir-rekwiżiti lingwistiċi.

Artikolu 9

Dan l-Artikolu jirreferi għar-rekwiżiti mediċi żvillupati mill-Eurokontroll li ġew adottati reċentament.

Artikoli 10 u 11

Dawn l-Artikoli jispesifikaw il-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni sabiex tkun tista' tipprovdi taħriġ. Konsistenza sħiħa maċ-ċertifikazzjoni ta' servizzi oħra ta' navigazzjoni ta' l-ajru huwa żgurat.

Artikolu 12

Dan l-Artikolu jagħti aktar garanziji għal-livell għola ta' kompetenza, fost l-oħrajn permezz tar-rekwiżiti ta' verifikar u s-sistema ta' approvazzjoni ta' l-eżaminaturi.

Artikolu 13

Dan l-Artikolu jispesifika kif l-għarfien mutwali irid ikun mmexxi, billi jikkonferma l-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

Artikoli 14 sa 18

Dawn l-Artikoli fihom dispożizzjonijiet *standard* li jirrigwardaw l-użu tal-proċedura ta' kumitat, penali u l-inkorporazzjoni tad-Direttiva fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Anness I

Dan l-Anness jagħti l-kontenut tat-taħriġ li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu u jinżammu l-kompetenzi attwali.

Anness II

Dan l-Anness jispesifika ir-rekwiżiti lingwistiċi, li l-ICAO ħa f'idejh.

Anness III

Dan l-Anness jelenka il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni sabiex tkun tista' tipprovdi taħriġ u tidentifika l-kundizzjonijiet li awtorità nazzjonali ta' superviżjoni tista' tinkludi ma' ċertifikat.

7. FAŻI TA' KONSULTAZZJONI

Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-istudju, dokument ta' ħidma intern kien mħejji, msejjes fuq l-esperjenzi miġbura mill-ICAO, l-Eurokontroll u l-Istati Membri. Id-dokument ta' ħidma kien diskuss estensivament waqt laqgħat ma' *trade unions*, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, Eurokontroll u amministrazzjonijiet nazzjonali. Dan id-dokument jieħu in konsiderazzjoni l-kummenti kollha li jingħadu waqt il-fażi ta' konsultazzjoni.

8. IMPATT EKONOMIKU U FINANZJARJU TAD-DIRETTIVA

L-impatt tad-direttiva ivarja skond l-*standards* tat-taħriġ li huma ġa fis-seħħ fl-Istati Membri differenti.

Spejjeż għall-amministrazzjoni pubblika:

M'hemmx spejjeż addizzjonali żejda assoċjati mal-ħruġ ta' liċenzji, għax l-Istati Membri kollha ġa għandhom sistema ta' liċenzji. Skond il-livell attwali ta' monitoraġġ u verifikar, l-amministrazzjonijiet jafu jkunu jridu jiġu rinfurzati biex ilaħħqu mal-funzjonijiet tad-direttiva f' perjodu ta' żmien raġjonevoli, eż. biex tingħata approvazzjoni.

Id-Direttiva tipprovdi espliċitament għall-possibiltà ta' *outsourcing*, eż. li l-ivverifikar jista' jiġi delegat lill-organizzazzjonijiet rikonossuti.

L-ispejjeż għas-superviżjoni jistgħu jiġu ddebitati lil dawk li jipprovdu li japplikaw għal ċertifikazzjoni u approvazzjoni jew jistgħu jiġu nklużi fl-ispejjeż ta' bażi tar-reġim li jimponi.

Spejjeż għal min jipprovdi s-servizz tan-navigazzjoni fl-ajru:

Hawn, ukoll, l-ispejjeż jiddependu fuq il-livell kurrenti tal-kwalità tas-sistemi tat-taħriġ. Id-Direttiva tgħolli l-kwalità tas-sistemi tat-taħriġ għal-livell neċessarju sabiex tikseb ir-rekwiżiti ta' sigurtà imposti mis-sistema tat-traffiku ta' l-ajru fl-Ewropa, li kif inhu magħruf huwa kemmxejn dens u kompless. L-istudju preparatorju rrevela mozaġk ta' sitwazzjonijiet differenti madwar l-Unjoni, li jagħmilha impossibli li jkun hemm analiżi uniformi ta' l-ispejjeż / l-benefiċċji. Minbarra dan, huwa diffiċli li tiddistingwi bejn l-ispejjeż tad-Direttiva u l-ispejjeż ġenerati minn leġislazzjoni Komunitarja oħra jew mir-rekwiżiti ta' l-ICAO jew Eurokontroll. Numru ta' indikazzjonijiet kwalitativi biss jistgħu jingħataw.

Billi toħloq standards għolja għat-taħriġ fil-bidu u billi tinforza iżjed garanziji għal eżaminaturi newtrali u oġġettivi waqt it-taħriġ ta' l-unità operativa, huwa previst li r-rata ta' suċċess fit-tmiem ta' dawn il-korsijiet ta' taħriġ għandha tiżdied. Irid jitfakkar illi l-ispejjeż tat-taħriġ kollu għal kontrollur tat-traffiku, inkluż is-salarju, huma stmati bejn 150,000€ u 400,000€. Għalhekk, jekk wieħed jeħel lejn it-tmiem tat-taħriġ dan ikun telfa finanzjarja għolja.

L-ispiża għaż-żieda fil-persunal minħabba standards għolja għal kull unità jew biex jitkompla t-taħriġ huma limitati minħabba l-użu approprijat tas-sussidjarjetà, fejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni qegħdin fl-aħjar sitwazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġġudikaw dwar il-bżonnijiet funzjonali ta' l-unitajiet meta jkunu qed japprovaw pjanijiet tat-taħriġ jew skemi ta' kompetenza.

L-ispiża biex jiġu segwiti l-elementi differenti fi ħdan il-ħruġ tal-liċenzji jista' jiżdied bi ftit, in parti minħabba fiż-żamma ta' rekordi għall-ivverifikar. Għal darb'oħra, spejjeż addizzjonali ġenerati mid-Direttiva jridu jiġu stmati ma l-ispejjeż li joħorġu minn rekwiżiti oħra, eż. sistemi ta' mmaniġġjar tal-kwalità u sigurtà.

Kompetenzi armonizzati għandhom iżidu s-sigurtà u jagħmlu aktar effikaċi l-organizzazzjoni tax-xogħol, inkluż it-twaqqif ta' blokko funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru.

Konklużjonijiet:

Kollox ma kollox, iż-żieda possibli fl-ispejjeż fil-ġejjieni qarib għandu jagħmel tajjeb għalih l-użu aktar razzjonali tal-persunal mal-medda taż-żmien. L-aħħar iżda mhux lanqas, id-Direttiva għandha żżid is-sigurtà tal-pubbliku li jkun qed itir.

9. IMPATT FINANZJARJU

Din il-proposta ma tinkludix dikjarazzjoni finanzjarja.

Kumitat ġa eżistenti (Kumitat għal Sema Waħda, mwaqqaf mill-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Qafas (2004/549/KE)) għandu jiġi użat għall-proċeduri deċiżjonali stabbiliti minn din l-proposta.

10. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kumissjoni għalhekk tippromponi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw l-proposta għal Direttiva hawn inkluża.

Proposta għal

ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontroll tat-Traffiku ta' l-Ajru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li qiesu il-proposta tal-Kummissjoni,¹

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,²

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni,³

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,⁴

Billi:

- (1) L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar Sema Waħda Ewropea tirrikjedi t-twaqqif ta' leġislazzjoni aktar dettaljata, b'mod partikolari dwar arranġamenti li jikkonċernaw l-illiċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru, sabiex jiġi mtejjeb id-disponibbiltà tagħhom u sabiex jippromwovi l-għarfien reċiproku tal-liċenzji, kif previst mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru f'Sema Waħda Ewropea (ir-Regolament dwar il-forniment ta' servizzi)⁵.
- (2) L-introduzzjoni ta' tali liċenzja tal-Komunità hija mezz ta' kif tagħraf ir-rwol speċifiku li għandhom il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru biex jipprovdu sigurtà fil-kontroll tat-traffiku. It-twaqqif ta' *standards* ta' kompetenza tal-Komunità għandu jirriduċi l-frammentazzjoni f'dan il-qasam, u għandu jikkontribwixxi f'organizzazzjoni aktar effiċjenti tax-xogħol fil-qafas ta' ħidma ta' kollaborazzjoni reġjonali li qeda dejjem tikber bejn min jipprovdi s-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru. Din id-Direttiva hija għalhekk parti essenzjali tal-leġislazzjoni dwar Sema Waħda Ewropea.

¹ ĠU

² ĠU

³ ĠU

⁴ ĠU

⁵ ĠU L 96, tal-31.03.2004, p.10.

- (3) Direttiva hija l-aktar strument adatt sabiex jiġu stabbiliti *standards* għall-kompetenzi li jitħallew f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar il-mod kif għandhom jiġu miksuba l-*istandards* li ġew miftiehma flimkien.
- (4) Din id-Direttiva għandha tkompli tibni fuq *standards* internazzjonali li ġa jeżistu. L-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) adottat dispożizzjonijiet dwar il-kontroll ta' l-ġhoti ta' liċenzji għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru, inkluż ir-rekwiżiti lingwistiċi. L-Organizzazzjoni Ewropea tas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurokontroll) mwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali tat-13 ta' Diċembru 1960 li għandha x'taqsam mal-Kooperazzjoni għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru adottat is-*Safety Regulatory Requirements* ta' l-Eurokontroll. Fi qbil ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 din id-Direttiva titrasponi r-rekwiżiti stipulati fis-*Safety Regulatory Requirement* Nru 5 ta' l-Eurokontroll li huwa rilevanti għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru.
- (5) Il-karatteristiċi partikolari tat-traffiku ta' l-ajru tal-Komunità jitolbu għall-applikazzjoni effettiva ta' l-*istandards* tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqşam mal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru impjegati minn min jipprovdi servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru involuti f'traffiku ġenerali ta' l-ajru.
- (6) Fejn l-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw konformità mar-rekwiżiti tal-Komunità, l-awtoritajiet li jagħmlu superviżjoni u vverifikar tal-konformità għandhom ikunu suffiċjentement indipendenti minn min jipprovdi t-taħriġ. L-awtoritajiet għandhom ukoll ikunu kapaċi li jwettqu il-funzjonijiet tagħhom b'mod effiċjenti.
- (7) Il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru jirrikjedi persunal ta' kompetenza għolja li l-kompetenzi tiegħu jistgħu jintwerew permezz ta' mezzi diversi. Għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru l-mezz xieraq huwa l-liċenzja tal-Komunità, li qisha bħal tip ta' diploma, li hi proprjetà individwali ta' kull kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru. Il-kwalifika li tinsab fuq il-liċenzja tindika it-tip tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru li kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru għandu l-kompetenza li jipprvodi. Fl-istess ħin, l-annotamenti inklużi fuq il-liċenzja jirriflettu kemm il-kompetenzi speċifiċi tal-kontrollur u l-awtorizzazzjoni mill-organi ta' superviżjoni biex jipprovdi servizzi għal settur jew gruppi ta' setturi partikolari. Dan huwa għalfejn l-awtoritajiet iridu jkunu f'pożizzjoni li jevalwaw il-kompetenzi tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru meta joħorġu liċenzji jew jestendu l-validità ta' l-annotazzjonijiet; l-awtoritajiet iridu ukoll ikunu f'pożizzjoni li jissospendu l-liċenzja billi jirrevokaw l-endorsjar tal-liċenzja meta jkun hemm dwar il-kompetenza. Sabiex tiġi promossa kultura tajba, din id-Direttiva m'għandiex tagħmel ness awtomatiku bejn inċident u s-sospensjoni tal-liċenzja. Revoka tal-liċenzja għandha tkun ikkunsidrata bħala l-aħħar mezz f'każijiet estremi li m'għandhomx x'jaqsmu ma dubbji dwar il-kompetenza.
- (8) Sabiex tiżdied il-kunfidenza ta' l-Istati Membri fis-sistema ta' l-ġhoti ta' liċenzji mill-Membri l-oħra, huma neċessarji regoli tal-Komunità għal-ħruġ u għaż-żamma tal-liċenzji. Huwa għalhekk importanti li kundizzjonijiet ta' dħul fil-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jiġu armonizzati. Dan għandu iwassal għall-għarfien tal-liċenzji fi ħdan il-Komunità kollha, u b'hekk iżid il-jedd taċ-ċaqliq ħieles u jtejjeb id-disponibbiltà tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru.
- (9) Sabiex il-kompetenzi jkunu paragonabbli fost il-Komunità, dawn iridu jiġu strutturati b'mod ċar li hu ġeneralment aċċettat minn kulħadd. Dan għandu jgħin biex

jiggarantixxi sigurtà mhux biss fi ħdan spazju ta' l-ajru taħt il-kontroll ta' fornitur wieħed tas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, iżda b' mod partikolari fl-interattività bejn il-fornituri ta' servizzi differenti.

- (10) L-oġġettivi tat-taħriġ inizjali huma deskritti fil-materjal ta' gwida żvillupat fuq talba tal-membri ta' l-Eurokontroll u huma kkunsidrati bħala l-*standards* xierqa. Għall-fini ta' taħriġ fi ħdan ta' l-unità, n-nuqqas ta' *standards* ġeneralment aċċettati irid jagħmel tajjeb għalih sensiela ta' miżuri, li jinkludu l-approvazzjoni ta' eżaminaturi, li għandhom jiggarantixxu *standards* għolja ta' kompetenza. Dan huwa aktar ta' importanza billi taħriġ fi ħdan l-unità jiswa ħafna u ferm importanti taħt il-profil tas-sigurtà.
- (11) F'bosta inċidenti u inkonvenjenti oħra, l-komunikazzjoni tilgħab rwol ta' importanza fundamentali. L-ICAO għalhekk adottat rekwiżiti dwar l-kompetenza fil-lingwa. Din id-direttiva hija l-mezz biex jiġu infurzati dawk l-*standards* internazzjonali li huma soltu aċċettati.
- (12) Ir-rekwiżiti mediċi ġew svillupati fuq it-talba ta' l-Istati Membri ta' l-Eurokontroll u huma kkunsidrati bħala mezz aċċettabli biex tiġi żgurata l-konformità.
- (13) Ċertifikazzjoni għal min jipprovdi taħriġ għandha tkun ikkunsidrata bħala wieħed mill-pilastri essenzjali għas-sigurtà tal-kwalità tat-taħriġ. It-taħriġ għandu jiġi meqjus bħala servizz simili għas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, li jkun suġġett għal proċess ta' ċertifikazzjoni. Din id-Direttiva għandha tagħmilha possibli li tiċċertifika taħriġ għat-tip ta' taħriġ, għal grupp ta' servizzi ta' taħriġ jew għal grupp ta' servizzi ta' taħriġ u ta' navigazzjoni ta' l-ajru, mingħajr ma titlef minn taħt għajnejha il-karatteristiċi partikolari tat-taħriġ. Għandu jingħata wkoll trattament xieraq lill-istituti ta' taħriġ, li qed iħejju l-għoti ta' liċenzji militari, sabiex ikopru wkoll sa fejn huwa possibli l-kontrolluri militari tat-traffiku ta' l-ajru.
- (14) Din id-Direttiva tikkonferma il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-qasam ta' l-għarfien reċiproku ta' diplomi u taċ-ċaqliegħ ħieles tal-ħaddiema. Il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-bżonn ta' valutazzjoni ta' l-ekwivalenza, ġustifikazzjoni raġunata dwar l-imponiment ta' miżuri ta' kumpens u li jkun hemm proċeduri ta' appell xieraq, jikkostitwixxu prinċipji bażiċi li b'mod aktar viżibbli jridu jsiru applikabbli għat-tmexxija tas-settur tat-traffiku ta' l-ajru.
- (15) Il-professjoni tal-kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru huwa suġġett għal innovazzjonijiet tekniċi li jirrikjedu aġġornamenti fuq bażi regolari tal-kompetenzi tagħhom. Din id-Direttiva għandha tagħti lok għal dawn il-bidliet fl-iżviluppi tekniċi u fil-progress xjentifiku permezz ta' l-użu ta' kumitati.
- (16) Din id-direttiva jaf ikollha impatt fuq il-prattika ta' kuljum tax-xogħol tal-kontrolluri tat-traffiku. L-imsieħba soċjali għandhom ikunu infurmati u kkonsultati f'mod proprju dwar il-miżuri kollha li għandhom impatt soċjali sinjifikanti. Għalhekk, ġie kkonsultat il-Kumitat ta' Djalogu Settorjali mwaqqaf taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/500/KE ta' l-20 ta' Mejju 1998 dwar it-twaqqif ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali li jippromwovu djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew⁶.

⁶ ĠU L 225, tat-12.8.1998, p. 27.

- (17) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li huma applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li ġew adottati in segwitu għal din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuazivi.
- (18) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipola r-regoli ta' proċedura li bihom l-poteri ta' implimentazzjoni li ġew konferiti fuq il-Kummissjoni⁷ jistgħu jiġu eżerċitati.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1 *Għan u Skop*

1. L-għan ta' din id-Direttiva hija li jiżiedu l-*standards* tas-sigurtà u biex jiġu mtejba l-operazzjonijiet tas-sistema ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru tal-Komunità billi tinħareġ l-liċenzja għall-kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru tal-Komunità.

Il-liċenzja ser tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' aċċess u ta' eżerċizzju tal-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru.

2. Din id-Direttiva ser tapplika għal min japplika għal-liċenzja bħala student għal kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru u għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru impjegati minn min jipprovdi s-servizz tan-navigazzjoni ta' l-ajru li joffru s-servizzi tagħhom primarjament lit-traffiku ta' l-ajru ġenerali.

Artikolu 2 *Definizzjonijiet*

Għall-għanjiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin ser japplikaw:

1. "kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru" tfisser il-persuna intitolata li ttipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru jew taħt is-superviżjoni ta' għalliem fuq il-post tax-xogħol jew indipendentement;
2. "servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru" tfisser servizz fornut bil-għan li jiġu evitati inċidenti bejn vetturi ta' l-ajru, u dwar iż-żona ta' mmanuvrar bejn vetturi ta' l-ajru u ostakli, u sabiex it-traffiku ta' l-ajru jitħaffef u jinżamm mmexxi b'ordni;
3. "min jipprovdi s-servizz ta' navigazzjoni fl-ajru" tfisser kull entità pubblika jew privata li ttipprovdi servizzi ta' navigazzjoni għat-traffiku ta' l-ajru ġenerali;
4. "liċenzja" tfisser ċertifikat b' kull isem li jista' jkun' magħruf bih, maħruġ u annotat fi qbil ma' din id-Direttiva u li jagħti d-dritt lil min għandu tali liċenzja li jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru skond il-privileġġi li jinsabu hawn stipulati;

⁷ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p.23.

5. “il-kwalifika” tfisser l-awtorizzazzjoni li tinsab fuq il-liċenzja jew li hi assoċjata ma’ din u li tiffirma parti ta’ dan, li tispeċifika l-kundizzjonijiet, privileġġi, jew limitazzjonijiet li huma ta’ rilevanza għal tali liċenzja; il-kwalifiki fuq il-liċenzja jridu jinkludu għallinqas wieħed milli ġejjin:
 - a) kontroll ajrudrom viżiv;
 - b) kontroll ajrudrom strumentali;
 - c) kontroll ta’ approċċ proċedurali;
 - d) kontroll ta’ approċċ ta’ sorveljanza;
 - e) kontroll ta’ żona proċedurali;
 - f) kontroll ta’ żona ta’ sorveljanza;
6. “annotament” tfisser l-awtorizzazzjoni li tinsab fuq il-liċenzja; b’mod partikolari:
 - a) annotament ta’ kwalifika li tindika l-kundizzjonijiet speċifiċi, privileġġi jew limitazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-kwalifika,
 - b) annotament ta’ unità li tindika l-indikatur ta’ lokament ta’ l-ICAO u s-setturi u/jew il-pożizzjonijiet tax-xogħol fejn min għandu liċenzja huma kompetenti biex jaħdem,
 - c) annotament dwar il-lingwa li tindika l-kompetenza lingwistika ta’ min għandu l-liċenzja; u
 - d) annotament ta’ l-istruzzjoni li tindika l-kompetenza biex jgħallim;

taf ikollha x’taqsam ma kwalifiki jew mal-liċenzja u tagħmel parti ta’ dan;
7. “indikatur ta’ lokament ta’ l-ICAO” tfisser il-kodiċi ta’ erba’ ittri li huwa ffurmat skond ir-regolamenti preskritti mill-ICAO fil-manwali DOC-7910 u li ġie assenjat lil-lokament ta’ stazzjoni fissa ta’ l-aeronawtika;
8. “settur” tfisser parti ta’ arja ta’ kotroll u/jew parti ta’ reġjun jre reġjun superjuri ta’ informazzjoni dwar titjiriet;
9. “taħriġ” jikkonsisti fl-intier tiegħu ta’ korsi teoretiċi, eżerċizzji Prattiki, inkluż simulazzjoni, u taħriġ fuq il-post tax-xogħol meħtieġ sabiex tikseb daww il-kompetenzi neċessarji biex tiggarrantixxi servizzi ta’ kontroll tat-traffiku ta’ l-ajru li jkunu żguri u ta’ kwalità għolja; t-taħriġ għandu jikkonsisti fi:
 - a) taħriġ inizjali, li jipprovdi taħriġ ta’ livell bażiku u ta’ kwalità, li jwassal għall-għoti ta’ liċenzja ta’ student;
 - b) taħriġ ta’ unità, inkluż taħriġ transizzjonali, ta’ qabel ma tibda x-xogħol, ta’ fuq il-post tax-xogħol, li jwasslu għall-għoti ta’ liċenzja ta’ kontrollur tat-traffiku ta’ l-ajru;

- c) taħriġ kontinwu, li jżomm l-annotamenti tal-liċenzja validi;
 - d) taħriġ ta' għalliema ta' fuq il-post tax-xogħol, li jwassal għall-ġhoti ta' annotament ta' għalliem ta' fuq il-post tax-xogħol;
 - e) taħriġ ta' eżaminaturi u /jew assessuri;
10. “min jipprovdi taħriġ” hija organizzazzjoni li ġiet iċċertifikata mill-awtorità nazzjonali għas-superviżjoni biex tippovdi wieħed jew aktar mit-tipi ta' taħriġ kif definiti f'dan l-Artikolu, u li hi, għal dan il-għan, intitolata li tppreżenta għall-approvazzjoni, korsijiet tat-taħriġ, pjanijiet għat-taħriġ ta' l-unitajiet jew skemi ta' kompetenzi għall-unitajiet;
 11. ir-rekwiżiti tal-kompetenza stabbiliti fost l-għanjiet tal-*Guidelines for Common Core Content and Training Objectives for Air Traffic Controllers' Training* huma l-għanjiet li studenti għal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru ser jiksbu għal taħriġ bażiku u kwalifiki, li jirriżultaw mill-dokument ta' l-Eurokontroll '*Guidelines for Common Core Content and Training for Air Traffic Controllers' Taħriġ* (Fażi I:Rivedut), HRS/TSP-002-GUI-01, tieni edizzjoni ta' l-20.07.2001; u fid-dokument ta' l-Eurokontroll, '*Guidelines for Common Core Content and Training for Air Traffic Controllers' Taħriġ* (Fażi II), HUM.ET1.ST05.1000-GUI-02, l-ewwek edizzjonita' l-20.07.2000;
 12. “Rekwiżiti għaċ-Ċertifikazzjoni Medika tal-Kontrolluri tat-Traffiku fil-Klassi Ewropea 3” huma r-rekwiżiti stipulati fid-dokument ta' l-Eurokontroll, Ir-Rekwiżiti għal Klassi Ewropea 3 ta' Ċertifikazzjoni Medika tal-Kontrolluri tat-Traffiku ta' l-Ajru, HUM.ET1.ST08.10000-STD-02, l-ewwel edizzjoni tal-31.01.2003;
 13. “Skemi ta' kompetenza ta' l-unità” hija skema approvata li tindika l-metodu b'liema l-unità għandha żżomm il-kompetenza ta' daww il-ħaddiema tagħha li għandhom liċenzja.

Artikolu 3 *Awtoritajiet Nazzjonali ta' Superviżjoni*

1. L-Istati Membri ser jinnominaw jew iwaqqfu korp jew korpi bħala l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni sabiex jassumu l-funzjonijiet assenjati lil tali awtorità taħt din id-Direttiva.
2. L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser ikunu indipendenti minn min jipprovdi t-taħriġ. Din l-indipendenza għandha tinkiseb permezz ta' separazzjoni adegwata, almenu fuq il-livell funzjonali, bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni u tali organizzazzjonijiet li jipprovdu tali servizz.

L-Istati Membri ser jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni jagħmlu użu mill-poteri tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, kif ukoll tat-tibdiliet ta' dawn, u tal-miżuri li ser jittieħdu sabiex jiġi żgurat li jkunu konformi mal-paragrafu 2.

Artikolu 4
Il-prinċipji dwar l-ġhoti tal-liċenzja

1. L-Istati Membri ser jiżguraw li s-servizzi tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru għandhom ikunu biss fornuti minn kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru liċenzjati kif suppost.
2. L-ġhoti tal-liċenzja jingħata biss lil dawk il-persuni li huma kompetenti biex jaġixxu bħala kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jew bħala studenti għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru.
3. L-ġhoti tal-liċenzja ser tkun soġġetta għall-inklużjoni ta':
 - (a) fil-każ tal-liċenzja ta' student għal kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru, għal kwalifika waħda jew aktar,
 - (b) fil-każ tal-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru, għal kwalifika waħda jew annotament wieħed, jew aktar,
4. L-applikanti għal liċenzja ser jaġtu l-evidenza li huma kompetenti biex jaħdmu bħala kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jew bħala studenti għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Din l-evidenza li turi l-kompetenza tagħhom ser tirrelata ma' l-għarfien, l-esperjenza, l-abilitajiet u l-kompetenza lingwistika.
5. Il-liċenzja ser tibqa l-proprjetà tal-persuna lil min il-liċenzja tkun ingħatat u li għanda jiffirma.

Il-liċenzja tista' tiġi sospiża meta ikun hemm xi dubju dwar il-kompetenza tal-kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru jew minħabba f'xi negliġenza kbira. Tista' tiġi revokata biss fil-każ ta' xi abbuż.
6. Il-liċenzja ta' l-istudent għal kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru ser tawtorizza lil dak li jkun biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru taħt is-superviżjoni ta' għalliem fuq il-post tax-xogħol. Għal dan il-għan, il-liċenzja ta' l-istudent ser tinkludi il-kwalifika li tispeċjalizza liema tip ta' servizz ta' kontroll ta' traffiku ta' l-ajru qed tiġi mħarrġa lill-istudent sabiex jipprovdiha hu.
7. Liċenzja hija valida biss jekk ikun fiha ċertifikat mediku tal-mument.

Artikolu 5
Kundizzjonijiet sabiex tinkiseb liċenzja

1. Liċenzja ta' studenti għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru li fihom għallinqas kwalifika waħda ser jingħataw lil dawk l-applikanti li:
 - (a) għallinqas għandhom ċertifikat li jindika livell ta' edukazzjoni sekondarja jew diploma li bih tista' tidħol l-università;
 - (b) kkompletaw b'suċċess kors ta' taħriġ inizjali li huwa rilevanti għall-kwalifika jew għal annotament ta' kwalifika, inkluż taħriġ prattiku u ta' simulazzjoni, kif stipulat f'Parti A ta' Anness I ta' din id-Direttiva;

- (c) għandhom ċertifikat mediku validu; u
 - (d) urew livell ta' kompetenza lingwistika adegwata fi qbil mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.
2. Liċenzji ta' kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru li fihom kwalifiki li għalihom ġie segwit b' suċċess xi taħriġ u l-annotamenti neċessarji ser jingħataw lil dawk l-applikanti li:
- (a) għallinqas għandhom 21 sena; madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal proċedura ta' deroga ta' dan ir-rekwiżit, b'mod partikolari jekk l-applikant juri waqt il-kors ta' taħriġ li għandu l-kompetenza li jopera f' kundizzjonijiet ta' sigurtà;
 - (b) għandhom liċenzja ta' student u li kkompletaw kors ta' taħriġ ta' unità li hu approvat u li għaddew mill-eżamijiet rilevanti jew minn mezzi ta' valutazzjoni li huma skond ir-rekwiżiti stipulati f' Parti B ta' l-Anness I;
 - (c) għandhom ċertifikat mediku validu; u
 - (d) urew livell ta' kompetenza lingwistika adegwata fi qbil mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.
3. L-annotazzjoni fuq il-liċenzja li hi neċessarja sabiex wieħed isir għalliem ta' fuq il-post tax-xogħol ser tingħata lil dawk li għandhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku u li:
- (a) jkun ħa sehem fil-perjodu qabel dan, li t-tul tiegħu għandu jiġi stabbilit mill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni, dawk id-dmirijiet li huma assoċjati mal-kwalifika u ma' l-annotazzjoni li biha jistgħu jħarrġu fi ħdan l-unità;
 - (b) jkunu kkomplewtaw b'suċċess kors għal għalliem ta' fuq ix-xogħol li matulu l-għarfien rikjest u l-abilitajiet pedagoġiċi kienu valutati permezz ta' l-eżamijiet rilevanti.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet għaż-żamma tal-validità ta' kwalifiki u annotamenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-validità ta' l-annotamenti jkunu estiżi għat 12-il xahar li jmiss jekk min jipprovdi s-servizz ta' navigazzjoni ta' l-ajru juri bil-provi li:
 - (a) l-applikant ilu jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja għal numru minimu ta' siegħat, kif indikat fl-iskemi approvati tal-kompetenzi ta' l-unità, fl-aħħar 12-il xahar;
 - (b) l-kompetenzi ta' l-applikant biex jeżerċita l-privileġġi ta' l-annotamenti kienu valutati, fid-dawl ta' l-istandards stipulati fi Parti C ta' l-Anness I; u
 - (c) għandu ċertifikat mediku validu.
2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, l-annotamenti għal għalliem ta' fuq ix-xogħol ser ikun validu għal perjodu rinnovabbli ta' 36 xahar.

3. Min ikollu kwalifika u ma jkunx ipprovda s-servizz ta' kontrollur tat-traffiku permezz ta' annotazzjoni assoċjata ma tali kwalifika jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' taħriġ li jiżguraw li min għandu tali liċenzja huwa kompetenti sabiex jibda taħriġ ta' unità f'dik il-kwalifika.
4. Bla ħsara għal paragrafu 3, annotazzjoni ta' unità ma tibqax valida jekk min għandu din ma jkunx ipprovda kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal numru minimu ta' siegħat ta' servizz permessi taħt dan l-annotament waqt il-perjodi stabbiliti ta' l-iskema ta' kompetenza ta' l-unità.
5. In-numru minimu ta' siegħat ta' ħidma mingħajr funzjonijiet ta' tħarriġ rikjesti sabiex jinżamm validu l-annotament jistgħu jitnaqqsu għal għalliema ta' fuq ix-xogħol f' proporzjon maż-żmien li jkun għamel iħarreġ lil ħaddiema ġodda fuq il-post tax-xogħol, li għalihom tkun intalbet l-applikazzjoni ta' tali estensjoni.

Artikolu 7

Kwalifiki u annotazzjonijiet għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru

1. Il-liċenzji ser ikun fihom kwalifika waħda jew aktar kif deskritti fil-paragrafi (2) sa (7) sabiex jiġi indikat t-tip ta' servizz li min għandu l-liċenzja jista' jipprovdi. B'żieda ma' l-annotazzjonijiet ta' kwalifika ndikati f'dan l-Artikolu, l-kwalifika ser issir valida permezz ta' l-annotazzjoni li tindika l-kompetenza lingwistika, l-indikatur ta' lokalizzazzjoni ta' l-ICAO u l-unità, il-pożizzjoni tax-xogħol, settur jew gruppi ta' setturi.
2. Il-kwalifika ta' Kontroll Ajrudrom Viżiv (ADV) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għat-traffiku ta' ajrudrom fuq ajrudrom li ma fihx proċeduri ta' approċċ jew tluq.
3. Il-kwalifika ta' kontroll ajrudrom strumentali (ADI) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għat-traffiku ta' ajrudrom fuq ajrudrom li fih proċeduri ta' approċċ jew tluq u ser ikun akkumpanjat minn għallinqas wieħed minn dawn l-annotamenti ta' kwalifika:
 - (a) L-annotament tat-Torri ta' Kontroll (TWR) li ser jindika li min għandu dan huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizzi ta' kontroll fejn il-kontroll ta' ajrudrom huwa provdut minn pożizzjoni operattiva waħda;
 - (b) L-annotament tal-Kontroll tal-Moviment fl-Art (GMC) ser jindika li min għandu tali liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi kontroll tal-moviment fl-art;
 - (c) L-annotament ta' Sorveljanza tal-Moviment fl-Art (GMS), li huwa mogħti b'żieda għall-annotament tal-Kontroll tal-Moviment fl-Art jew għall-annotament tat-Torri tal-Kontroll, ser jindika li min għandu dan huwa kompetenti li jipprovdi kontroll tal-moviment fuq l-art bl-għajjn ta' sistemi ta' gwida tal-moviment fil-wieċ ta' l-ajrudrom;
 - (d) L-annotament tal-Kontroll ta' l-Arja (AIR) ser jindika li min għandu tali liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi kontroll ta' l-arja;

- (e) L-annotament ta' Kontroll tar-Radar ta' l-Ajrudrom (RAD), li huwa mogħti b'żieda għall-annotament tal-Kontroll ta' l-Arja jew għall-annotament tat-Torri tal-Kontroll, ser jindika li min għandu dan huwa kompetenti li jipprovdi kontroll ta' l-ajrudrom bl-għajnuna ta' tagħmir tar-radar.
4. Il-kwalifika ta' Kontroll ta' Approċċ Proċedurali (APP) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal vetturi ta' l-ajru li jaslu, jitolqu jew li għaddejjin minn hemm mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza.
5. Il-kwalifika ta' Kontroll ta' Approċċ b' Sorveljanza (APS) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal vetturi ta' l-ajru li jaslu, jitolqu jew li għaddejjin minn hemm bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza u ser ikun akkumpanjat minn għallinqas wieħed minn dawn l-annotamenti ta' kwalifika:
- (a) L-annotament ta' Radar (RAD) ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizz ta' kontroll ta' approċċ bl-użu ta' tagħmir ta' radar primarju u/jew sekondarju;
- (b) L-annotament ta' Approċċ b' Radar ta' Preċiżjoni (PAR), li huwa mogħti b' żieda għall-annotament ta' Radar, ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi approċċi għal kontroll ta' l-art bi preċiżjoni, bl-użu ta' tagħmir ta' radar ta' approċċ ta' preċiżjoni għal vetturi ta' l-ajru li jkunu qrib ħafna tar-*runway*;
- (c) L-annotament ta' Approċċ b' Radar ta' Preċiżjoni (SRA), li huwa mogħti b' żieda għall-annotament ta' Radar, ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi approċċi għal kontroll ta' l-art mhux preċiżi, bl-użu ta' tagħmir ta' radar ta' sorveljanza għal vetturi ta' l-ajru li jkunu qrib ħafna tar-*runway*;
- (d) L-annotament ta' Sorveljanza Awtomatika Dipendenti (ADS) ser tindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizz ta' kontroll ta' approċċ bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza awtomatika dipendenti;
- (e) L-annotament tal-Kontroll tat-*Terminal* (TCL), li huwa mogħti b' żieda għall-annotament ta' Radar jew dak ta' Sorveljanza Awtomatika Dipendenti, ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza għal vetturi ta' l-ajru li jkunu qed joperaw f' żona speċifika ta' *terminal* u/jew fi setturi qrib.
6. Il-kwalifika ta' Kontroll ta' Żona Proċedurali (ACP) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal vetturi ta' l-ajru mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza.
7. Il-kwalifika ta' Kontroll ta' Żona b' Sorveljanza (ACS) ser jindika li min għandu liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal vetturi ta' l-ajru bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza u ser ikun akkumpanjat minn għallinqas wieħed minn dawn l-annotamenti ta' kwalifika:

- (a) L-annotament ta' Radar (RAD) ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizz ta' kontroll ta' żona bl-użu ta' tagħmir ta' radar ta' sorveljanza;
 - (b) L-annotament ta' Sorveljanza Awtomatika Dipendenti (ADS) ser tindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizz ta' kontroll ta' żona bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza awtomatika dipendenti;
 - (c) L-annotament tal-Kontroll tat-*Terminal* (TCL), li huwa mogħti b' żieda għall-annotament ta' Radar jew dak ta' Sorveljanza Awtomatika Dipendenti, ser jindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti li jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza għal vetturi ta' l-ajru li jkunu qed joperaw f' żona speċifika ta' *terminal* u/jew fi setturi qrib.
 - (d) L-annotament ta' Kontroll Oċeaniku (OCL) li ser jindika li min għandu dan huwa kompetenti biex jipprovdi s-servizzi ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru għal vetturi ta' l-ajru li jkunu qed joperaw f' Żona ta' Kontroll Oċeaniku.
8. Bla ħsara għal paragrafu (1), l-Istati Membri jistgħu, jekk meħtieġ minn karatteristiċi partikolari tat-traffiku ta' l-ajru fl-ispazju ta' l-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom, jiżviluppaw annotamenti nazzjonali.
 9. L-annotament għal-liċenzja ta' Għalliem ta' Fuq ix-Xogħol ser tindika li min għandu din il-liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi taħriġ u superviżjoni f' pożizzjoni ta' xogħol operattiva għal żoni li huma inklużi minn kwalifika valida.
 10. Emendi lil dan l-Artikolu in kwantu għall-progress tekniku jew xjentifiku ser jiġi adottat skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 8

Rekwiżiti lingwistiċi

1. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-kontrolluri tat-traffiku jistgħu juru l-kompetenza tagħhom li jtkellmu u jifhmu bl-Ingliż f'livell sodisfaċenti. Il-kompetenza tagħhom ser tkopri il-livell ta' kwalifika stipulata fl-Anness II. Għandha tlaħħaq għallinqas il-livell 4 tar-rekwiżiti tal-kompetenza tal-lingwa li huma speċifikati fl-Anness.
2. Emendi lil dan l-Artikolu u Anness II in kwantu għall-progress tekniku jew xjentifiku ser jiġi adottat skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 14(2).
3. Ir-rekwiżiti tal-kompetenza fil-lingwa ta' l-applikant ser jiġu formalment evalwati f' intervalli regolari, ħlief fil-każi fejn l-applikanti juru kompetenza ta' livell 6.

Dan l-intervall mhux ser ikun itwal minn 3 snin għall-applikanti li juru livell ta' kompetenza 4 u mhux aktar minn 6 snin għall-applikanti li juru livell ta' kompetenza 5.
4. L-Istati Membri jistgħu jimponu rekwiżiti lokali dwar il-lingwa meta meqjusa neċessarja għal raġunijiet ta' sigurtà. Madanakollu, il-livell rikjest ta' kompetenza lingwistika mhux ser ikun aktar mil-livell 4 tat-test ta' kompetenza ta' l-ICAO.

Kompetenza ser tintwera bil-ħruġ ta' ċertifikat minn min jipprovdi t-taħriġ jew minn ċertifikat ekwivalenti maħruġ minn istitut ta' taħriġ fil-lingwi.

5. L-evidenza ta' kompetenza lingwistika ser tkun inkluża fil-liċenzja permezz ta' annotament speċifiku ta' kompetenza fil-lingwa.

Artikolu 9 *Rekwiżiti mediċi*

1. Ċertifikati mediċi ser jinħarġu skond ir-rekwiżiti mediċi għal Klassi Ewropea 3 ta' Ċertifikazzjoni Medika tal-Kontrolluri tat-Traffiku ta' l-Ajru.

Eżaminaturi mediċi approvati mill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni ser jistabbilixxu rapporti fuq il-bażi ta' dawn ir-rekwiżiti.

Il-valutazzjoni ta' l-applikanti ser jieħdu in-konsiderazzjoni l-età ta' l-applikant u il-karatteristiċi partikolari tal-post tax-xogħol, skond il-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. L-Istati Membri ser jiżguraw li proċeduri effettivi ta' appell jiġu stabbiliti sabiex jiggarantixxu trattament ġust ta' min jiġi eżaminat u li min jipprovdi s-servizzi tan-navigazzjoni fl-ajru jieħu l-miżuri neċessarji fil-każ fejn min ikollu liċenzja ma jingħatax rapport mediku validu.
3. L-Istati Membri ser jiżguraw li proċeduri huma stabbiliti sabiex jkunu jistgħu jieħdu ħsieb ta' daww il-każijiet ta' nuqqas ta' saħħa fiżika u sabiex daww li jkollhom liċenzja jkunu jistgħu jinnotifikaw lil min iħaddimhom ta' kull tnaqqis fis-saħħa fiżika jew jekk taħt l-influenza ta' sustanzi psikoattivi jew mediċini, li jistgħu ma jippermettulhomx iwettqu xogħolhom kif stipulat mil-liċenzja fis-sigurtà u kif suppost, sabiex min jipprovdi s-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru jkunu jistgħu jimmonitoraw kontrolluri għal abużi ta' sustanzi psikoattivi u biex jipprovdu konsulenza għal daww il-kontrolluri li qed jieħdu mediċini.
4. Emendi lir-riferenza f' punt 12 ta' l-Artikolu 2 in kwantu għall-progress tekniku jew xjentifiku ser jiġi adottat skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 10 *Ċertifikazzjoni ta' min Jipprovdi Taħriġ*

1. It-taħriġ ta' kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru fil-Komunità ser ikun suġġett għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.
2. Ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ser jirrelataw mal-kompetenzi tekniċi u operattivi u li jkunu kapaċi jorganizza korsijiet ta' taħriġ f' manjiera pedagoġika effiċjenti kif stipulata fil-punt (1) ta' l-Anness III.
3. Applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni ser jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru fejn l-applikant għandu l-post prinċipali ta' l-operat tiegħu u, jekk għandu, l-uffiċju reġistrat.

L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser joħorġu ċertifikati li jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati f' punt (1) ta' l-Anness III.

L-ċertifikati jistgħu jinħarġu għal kull tip ta' taħriġ, kif definit f' punt (9) ta' l-Artikolu 2, jew flimkien mas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, fejn it-tip ta' taħriġ u it-tip ta' servizz tan-navigazzjoni ta' l-ajru ser jiġu ċertifikati bħala grupp ta' servizzi.

4. L-Ċertifikati ser jispeċifikaw id-drittijiet u l-obligazzjonijiet għal min jipprovdi taħriġ.

L-ċertifikazzjoni tista' tkun suġġetta biss għal kundizzjonijiet stipulati f' punt (2) u (3) ta' l-Anness III. Tali kundizzjonijiet iridu jiġu ġustifikati oġġettivament, b'mod mhux diskriminatorju, proporzjonalment u b' trasparenza.

5. L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jimmonitoraw il-konformità mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet meħmuża ma-ċertifikati. Jekk awtorità nazzjonali ta' superviżjoni issib li min għandu ċertifikat m'għadux jissodisfa tali rekwiżiti jew kundizzjonijiet, għandha tiegħu dawk il-miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu ir-revoka ta-ċertifikat.
6. Stat Membru ser jagħraf kull ċertifikat maħruġ minn Stat Membru ieħor.

Artikolu 11

Kontroll tal-Kotba ta' min Jipprovdi Taħriġ

1. Min jipprovdi taħriġ, tkun xi tkun is-sistema tagħhom ta' proprjetà jew forma ġuridika, ser jikkompilaw, u jippreżentaw għall-awditjar u jippublikaw il-kotba finanzjarji tagħhom.

Il-kotba ser jaqblu ma' l-istandards Internazzjonali taż-Żamma tal-Kotba adottati mill-Komunità. Fejn, minħabba fl-istatus ġuridiku ta' min jipprovdi s-servizz, mhux possibbli konformità kompluta ma' l-Istandards Internazzjonali taż-Żamma tal-Kotba, min jipprovdi t-taħriġ għandu jara kif jagħmel biex ikun hemm l-aktar konformità massima possibbli.

2. Fil-każijiet kollha, min jipprovdi t-taħriġ ser jippublika rapport annwali u kull sena għandu jissottometti ruħu għal awditjar finanzjarju indipendenti.
3. Meta min jipprovdi, jipprovdi tipi differenti ta' taħriġ, għandu, fiż-żamma tal-kotba interna, jidentifika l-ispejjeż rilevanti u d-dħul għas-servizzi ta' taħriġ u, fejn xieraq, għandu jżomm il-kotba kkonsolidati għal servizzi oħra mhux relatati mat-taħriġ, hekk kif kieku ikun rikjest jagħmel kieku s-servizzi in kwistjoni kienu pprovduti minn intrapriżi indipendenti.
4. L-Istati Membri ser jaħtru l-awtoritajiet kompetenti li għandhom dritt ta' aċċess għall-kontijiet ta' min jipprovdi t-taħriġ.

5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet transizzjonali ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ għal min jipprovdi taħriġ li jaqgħu fi ħdan ir-Regolament.
6. Dawk, minn fost min jipprovdi t-taħriġ, li jipprovdu taħriġ li jwassal għall-ġhoti ta' liċenzji militari, jkunu eżenti mill-obbligi stipulati fil-paragrafi 1, 2, u 3.

Artikolu 12

Garanzija ta' konformità ma' l-istandards ta' kompetenza

1. Sabiex jiġu żgurati livelli ta' kompetenza indispensabbli għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jagħmlu xogħolhom f'livell għoli ta' sigurtà, l-Istati Membri ser jiżguraw li t-taħriġ isseħħ taħt is-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.

Din ir-responsabbiltà ser tinkludi:

- (a) il-ħruġ, iż-żamma, s-suspensjoni u r-revoka tal-liċenzji;
 - (b) iċ-ċertifikazzjoni ta' min jipprovdi taħriġ;
 - (c) l-approvazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ, pjanijiet għat-taħriġ ta' l-unitajiet u skemi ta' kompetenzi għal unitajiet;
 - (d) l-approvazzjoni ta' eżaminaturi kompetenti;
 - (e) il-monitoraġġ u l-awditjar tas-sistemi ta' taħriġ; u
 - (f) t-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' appell u notifikazzjoni xierqa.
2. L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jorganizzaw *database* għaż-żamma tal-kompetenzi ta' kull min għandu liċenzja u d-dati tal-validità ta' l-annotamenti tagħhom. Għal dan il-għan, l-unitajiet operattivi fi ħdan min jipprovdi s-servizz ta' navigazzjoni ta' l-ajru ser jirreġistraw in-numru effettiv ta' siegħat ta' ħidma fis-setturi, gruppi ta' setturi jew dwar il-pożizzjonijiet operattivi ta' kul min ikollu liċenzja fl-unità u ser jipprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni fuq it-talba tagħha.
 3. L-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni ser tapprova min fost dawk li għandhom il-liċenzja lil dawk li għandhom id-dritt li jitqiesu bħala eżaminaturi kompetenti jew li għandhom l-kompetenza jivverifikaw it-taħriġ ta' unità u tat-tkomplija tat-taħriġ. L-approvazzjoni ser tkun valida għal perjodu rinnovabbli ta' tliet snin.
 4. L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jawditjaw l-elementi kollha tas-sistema ta' liċenzji fuq bażi regolari bil-għan li jiggarrantixxu konformità kompluta ma' l-*standards* li huma stipulati f'din id-Direttiva.

⁸ ĠU L 243, ta' l-1.9.2002, p. 1.

B'żieda ma' l-awditjar regolari, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' fuq il-post biex jivverifikaw l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva u konformità ma' l-*standards* ta' dan.

L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jibagħtu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva, inklużi is-sejbiet ta' l-awditjar.

5. L-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw il-funzjonijiet ta' awditjar u spezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, fl-intier tagħhom jew in parti, lill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004.

Artikolu 13

Għarfien reċiproku tal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru

1. Kull Stat Membru irid jirikonoxxi l-liċenzja u l-kwalifiki u annotamenti assoċjati maħruġa mill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni ta' Stat Membru ieħor skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
2. Sabiex jingħata l-annotament li għalih tkun applikajt, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni jirrikjedu lill-applikant li jagħti twettiq għal kundizzjonijiet assoċjati ma' l-annotament, billi jispeċifika l-unità, is-settur jew il-pożizzjoni ta' ħidma. Meta tiġi evalwata l-ekwivalenza bejn l-annotamenti li l-applikant għandu fil-mument u dawk li għandu bżonn jikseb, min jipprovdi s-servizz ta' navigazzjoni ta' l-ajru, meta jistabbilixxu il-pjan għat-taħriġ ta' l-unità, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni il-kompetenzi akkwiziżi u l-esperjenza ta' l-applikant.
3. Jekk l-applikant għandu liċenzja li hi annotata minn pajjiż terz jew liċenzja militari ta' Stat Membru, l-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni tista' titlob li l-applikant iwettaq dawk il-kundizzjonijiet rikjesti sabiex tinkiseb il-kwalifika u l-annotamenti partikolari. Il-valutazzjoni ekwivalenti tal-liċenzja għandha żżomm kont tal-kompetenzi miksuba skond l-*standards* internazzjonali.
4. L-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni ser tapprova u tagħti deċiżjoni raġunata dwar il-pjan għat-taħriġ ta' l-unità li jkun fih it-taħriġ propost għall-applikant mhux aktar tard minn erbgħa ġimgħat wara l-preżentazzjoni ta' l-evidenza, bla ħsara għaddewmien li jirriżulta mill-appell li jista' jsir. Fid-deċiżjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jiżguraw li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li l-proporzjonalità tkun rispettata.

Artikolu 14

Kumitat

1. Il-Kummissjoni ser tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sema Waħda mwaqqaf minn Artikolu 5 tar-Regolament KE/549/2004.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ser japplikaw, wara li tiġi kkunsidrata d-dispożizzjoni f'Artikolu 8 ta' dan.

Il-Perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ser jiġi stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat ser jadotta ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 15 *Penali*

L-Istati Membri għandhom jitabbilixxu r-regoli dwar il-penali li huma applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li ġew adottati in segwitu għal din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri ser jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sad-data speċifikata fl-Artikolu 16 l-aktar tard u ser jinnotifikawha mingħajr dewmien ta' kull emenda sussegwenti li teffettwahom.

Artikolu 16 *Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri ser iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jirrispettaw din id-Direttiva sa⁹ l-aktar tard. Huma ser jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma ser ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri ser jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri ser jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 17 *Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva ser tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8 ser japplika minn [sentejn wara d-data provduta fil-paragrafu (1)].

⁹ Erbgħa u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ.

Artikolu 18
(Destinatarji)

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul f' Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Rekwiżiti tat-Taħriġ

PARTI A

REKWIŻITI INIZJALI TAT-TAĦRIĠ ĠHAL KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

It-taħriġ inizjali ser jiżgura li l-istudenti għal kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jissodisfaw għallinqas ir-rekwiżiti ta' kompetenza stabbiliti fl-għanjiet tal-*Guidelines for Common Core Content and Training Objectives for Air Traffic Controllers' Training*, sabiex il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jkunu kapaċi jimmaniġġjaw is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru, b'mod mgħaġġel u effiċjenti. Emendi lir-riferenza kif definiti f' punt (11) ta' l-Artikolu 2 in kwantu għall-progress tekniku jew xjentifiku ser jiġi adottat skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 14(2).

Taħriġ inizjali ser ikopri s-suġġetti li ġejjin: Liġi ta' l-Avjazzjoni, Tmexxija tat-Traffiku ta' l-Ajru, li jinkludi Proċeduri għall-Kooperazzjoni Ċivili-Militari, Meteoroloġija, Navigazzjoni, Vetturi ta' l-Ajru u Prinċipji tat-Tajran, li jinkludi li l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru u l-piloti jiftiehm, Fatturi Umani, Tagħmir u Sistemi, Ambjent Professjonali, Sitwazzjonijiet mhux tas-soltu / ta' Emerġenza, Sistemi Degradati, Għerf Lingwistiku, li jinkludi Frazjoġija radjutelefonija.

Is-suġġetti ser ikunu mgħallma b'mod tali li jippreparaw lill-applikanti għat-tipi differenti tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru u li jevidenzjaw l-aspetti tas-sigurtà. It-taħriġ inizjali ser jikkonsisti f'kursijiet teoretiċi u prattiċi, li jinkludu simulazzjoni, u li t-tul tagħhom ser ikun determinat fil-pjanijiet inizjali ta' taħriġ li ġew approvati. Kompetenzi miksuba ser jiżguraw illi l-kandidat jkun jista' jittqies kompetenti jimmaniġġja sitwazzjonijiet ta' traffiku kumplessi u densi, u billi jiffaċilita it-transizzjoni tat-taħriġ ta' l-unità. Il-kompetenza tal-kandidat wara t-taħriġ inizjali ser jiġi valutat permezz ta' eżamijiet xierqa.

PARTI B

TAĦRIĠ INIZJALI TA' L-UNITÀ ĠHAL KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

Pjanijiet tat-taħriġ ta' l-unità ser jispeċifika il-proċess u żmien neċessarju li hemm bżonn sabiex l-applikant għal liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru japplika l-proċeduri ta' l-unità liż-żona lokali taħt is-superviżjoni ta' għalliem ta' fuq ix-xogħol. Il-pjan approvat ser jinkludi indikazzjonijiet ta' l-elementi tas-sistema ta' valutazzjoni ta' kompetenza, inklużi ftehim fuq xogħol, valutazzjoni u eżamijiet tal-progress miksub, flimkien mal-proċeduri ta' notifika lill-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni.

It-tul ta' żmien tat-taħriġ ta' l-unità ser jiġi determinat fil-pjan tat-taħriġ ta' l-unità. Il-kompetenzi rikjesti għandhom jiġu stmati permezz ta' eżamijiet xierqa jew ta' sistema kontinwa ta' valutazzjoni, minn eżaminaturi jew li għandhom il-kompetenza jivverifikaw u li huma approvati,

li għandhom ikunu newtrali u oġġettivi fil-ġudizzju tagħhom. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ser jistabbilixxu mekkaniżmi ta' appell biex jiżguraw trattament ġust taċ-ċittadini.

PARTI C

REKWIŻITI GĦAT-TKOMPLIJA TAT-TAĦRIĠ' GĦALL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

Kwalifiki u annotamenti ta' unità fuq il-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru ser jibqgħu validi permezz ta' taħriġ' kontinwu li jkun approvat, li jikkonsisti fi taħriġ' biex jinżammu mħaddma l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru, korsijiet ta' aġġornament, taħriġ' għall-emerġenzi u, fejn neċessarju, taħriġ' lingwistiku.

Taħriġ' kontinwu ser jikkonsisti f' korsijiet teoretiċi u prattiċi, flimkien ma' simulazzjonijiet. Għal dan il-għan, min jipprovdi t-taħriġ' ser jistabbilixxi skemi ta' kompetenza ta' l-unità li jkun fihom dettalji tal-proċess, il-persunal u ż-żmien neċessarju biex jipprovdu għal taħriġ' kontinwu xieraq u biex juru l-kompetenzi. Dawn l-iskemi ser jiġu riveduti u approvati għallinqas kull tliet snin. It-tul taż-żmien tat-taħriġ' kontinwu ser jiġi deċiż skond il-bżonnijiet funzjonali tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru li jaħdmu fl-unità, b'mod partikolari minħabba fil-bidla jew fil-pjan ta' bidla fil-proċeduri jew it-tagħmir, jew minħabba r-rekwiżiti ġenerali kollha għat-tmexxija tas-sigurtà. Il-kompetenza ta' kull kontrollur tat-traffiku ser tiġi valutata kif suppost għallinqas kull tliet snin. Min jipprovdi s-servizz tan-navigazzjoni ta' l-ajru ser jiżgura li jiġu applikati l-mekkaniżmi li jiżguraw trattament ġust ta' min għandu liċenzja li l-validità ta' l-annotamenti tagħha ma jistgħux jiġu estiżi.

ANNESS II

REKWIŻITI GĦAL KOMPETENZA FIL-LINGWI

Ir-rekwiżiti għall-kompetenza fil-lingwa stipulati fl-Artikolu 8 huma applikabbli kemm għall-frażjoloġija kif ukoll għal-lingwaġġ ta' kuljum. Sabiex min japplika għal liċenzja jew min għandu liċenzja juri li laħaq din il-kompetenza fil-lingwi ser jiġi eżaminat u jrid juri konformità għallinqas mal-Livell Operattiv (Livell 4) tal-Livell ta' Kwalifika tal-Kompetenza fil-Lingwa deskritta f'dan l-Anness.

Kelliema kompetenti ser:

- a) jikkomunikaw effettivament biss bil-leħen (telefon/telefon bir-radju) u wiċċ imbwiċċ;
- b) jikkomunikaw bi preċiżjoni u b' kjaressza dwar argumenti komuni, konkreti u dwar suġġetti relatati max-xogħol;
- c) jagħmlu użu proprju ta' strateġiji komunikattivi għal skambju ta' messaġġi u biex jagħrfu u jsoġu nuqqas ta' ftehim (eż. biex jivverifikaw, jikkonfermaw u jikkjarifikaw informazzjoni) ta' kuntest ġenerali jew ta' xogħol;
- d) jimmaniġġjaw b'suċċess u mingħajr tbatija żejda d-diffikultajiet lingwistiċi li jinħolqu minn kumplikazzjonijiet jew minn sitwazzjonijiet mhux mistennija fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' xogħol ta' rutina jew funzjonijiet komunikattivi li huma familjari magħhom; u
- e) jużaw djalett jew aċċent li jiftiehem mal-komunità aeronawtika.

Klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika: Livell Espert, Avvanzat u Operattiv.

LIVELL	PRONUNZJA JUŻA DJALET U/JEW AĊĊENT LI JIFTIEHEM MAL- KOMUNITÀ AERONAWTIKA.	STRUTTURA STRUTTURE GRAMMATIĊI RILEVANTI U FRAŻIJET RILEVANTI HUMA DETERMINATI MILL- FUNZJONIJET TAL-LINGWA MEĦTIEĠA GĦALL-FUNZJONI.	VOKABULARJU	ĦEFFA FIL-KLIEM	KOMPRESJONI	INTERAZZJONI
ESPERT 6	Pronunzja, aċċent, ritmu, u intonazzjoni, għalkemm influwenzati mill-ewwel lingwa jew minn varjazzjoni reġjonali, kważi qatt ma jkollhom x'jaqsmu mal-faċilità li wieħed jifhem.	Kemm l-istrutturi grammatiki bażiċi u kumplessi u frażijiet rilevanti huma kkontrollati tajjeb u b' konsistenza.	Il-firxa tal-vokabularju u l-preċiżjoni huma suffiċjenti biex tikkomunika b'mod effettiv fuq medda wiesa' ta' suġġetti kemm familjari u le. Il-vokabularju huwa idjomatiku, varjat u tajjeb biex jiġi reġistrat.	Kapaċi jittellem fit-tul b'mod naturali u mingħajr tbatija. Kapaċi jvarja d-diskors biex jikseb effett stilistiku, eż. biex jemfasizza punt. Jagħmel użu b'mod spontanju mill-marki u l-konnetturi tad-diskors.	Il-komprensjoni hija kontinwament preċiża f' kważi l-kuntesti kollha u tinkludi l-komprensjoni ta' irqaqat lingwistiċi u kulturali.	Interazzjoni mingħajr tbatija kważi fis-sitwazzjonijiet kollha. Jirrispondi b'mod tajjeb għas-sinjali verbali u mhux verbali.
AVVANZAT 5	Pronunzja, aċċent, ritmu, u intonazzjoni, għalkemm influwenzati mill-ewwel lingwa jew minn varjazzjoni reġjonali, rarament jkollhom x'jaqsmu mal-faċilità li wieħed jifhem.	L-istrutturi grammatikali bażiċi u kumplessi u frażijiet rilevanti huma kkontrollati tajjeb u b' konsistenza. Jipprova juża' strutturi kumplessi, iżda bi żbalji li xi kultant jeffetwaw is-sinnifikat.	Il-firxa tal-vokabularju u l-preċiżjoni huma suffiċjenti biex tikkomunika b'mod effettiv fuq argumenti komuni, konkreti, u dwar suġġetti relatati max-xogħol. Jagħmel użu konsistenti u tajjeb ta' parafrasi. Il-vokabularju huwa xi kultant idjomatiku.	Kapaċi jittellem fit-tul migħajr tbatija dwar suġġetti familjari, iżda mhux kapaċi jvarja d-diskors biex jikseb effett stilistiku. Jista' jagħmel użu mill-marki u l-konnetturi tad-diskors kif suppost.	Il-komprensjoni hija preċiża fuq argumenti komuni, konkreti, u dwar suġġetti relatati max-xogħol u b'mod preċiż meta l-kelmi jkun iffaċċjat bi problema lingwistika jew b' sitwazzjoni kumplikata jew minn sitwazzjoni mhux mistennija. Huwa kapaċi jifhem firxa ta' varjetà fid-diskors (djalett u/jew aċċent) jew reġistri.	Ir-risposti huma mmedjati, kif suppost u informativi. Imexxi b'mod effettiv ir-relazzjoni bejn kelmiet/semmejgħ.
OPERATTIV LIVELL 4	Pronunzja, aċċent, ritmu, u intonazzjoni, huma nfluwenzati mill-ewwel lingwa jew minn varjazzjoni reġjonali, iżda biss xi kultant jkollhom	L-istrutturi grammatikali bażiċi u kumplessi u frażijiet rilevanti huma użati b'mod kreattiv u huma ġeneralment kkontrollati tajjeb. Żbalji	Il-firxa tal-vokabularju u l-preċiżjoni huma normalment suffiċjenti biex tikkomunika b'mod effettiv fuq argumenti komuni, konkreti, u dwar	Kapaċi jesprimi kunċett b'ritmu tajjeb. Xi kultant jaf ikun hemm xi telf fil-ħeffa tal-kliem minn irrihersjar jew iffomolar ta' diskors għal interazzjoni spontanja, iżda dan ma jfjixkilx il-	Il-komprensjoni hija fil-biċċa l-kbira preċiża fuq argumenti komuni, konkreti, u dwar suġġetti relatati max-xogħol meta l-aċċent jew varjazzjoni wżata hija suffiċjentament intelliġibbli għal	Ir-risposti huma normalment mmedjati, kif suppost u informativi. Jibda u jżomm il-konversazzjoni anki meta jkollu x'jaqsam ma' sitwazzjoni mhux mistennija.

LIVELL	PRONUNZJA JUŻA DJALET U/JEW AĊĊENT LI JIFTIEHEM MAL- KOMUNITÀ AERONAWTIKA.	STRUTTURA STRUTTURI GRAMMATIĊI RILEVANTI U FRAŻIJET RILEVANTI HUMA DETERMINATI MILL- FUNZJONIJET TAL-LINGWA MEĦTIEĠA GĦALL-FUNZJONI.	VOKABULARJU	ĦEFFA FIL-KLIEM	KOMPRESJONI	INTERAZZJONI
	x'jaqsmu mal-faċilità li wieħed jifhem.	jistgħu jseħħ, b'mod partikulari f' sitwazzjonijiet mhux tas- soltu jew mhux mistennija, iżda rament ifixklu s- sinnifikat.	suġġetti relatati max- xogħol. Kapaċi ta' spiss jagħmel użu minn parafrasi b'suċċess fin- nuqqas ta' vokabularju f'sitwazzjonijiet mhux tas- soltu jew mhux mistennija.	komunikazzjoni effettiva. Jista' jagħmel użu limitat mill-marki u l-konnetturi tad- diskors. Kliem żejjed biex timla ma jtellfux l-attenzjoni.	komunità internazzjonali li tagħmel użu minnha. Meta l- kelliem ikun iffaċċjat bi problema lingwistika jew b'sitwazzjoni kumplikata jew minn sitwazzjoni mhux mistennija li tinftiehem jaf iseħħ iktar bil-mod jew ikun jeħtieġ strateġiji għall- kjarifikazzjoni.	Jkollu x'jaqsm b'mod adegwat f'dak li jkun jidher bħala nuqqas ta' ftehim permezz ta' vverifikar, konfermar jew kkjarifikar.

MT

MT

Klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika: Livell Pre-Operattiv, Elementari u Pre-Elementari.

LIVELL	PRONUNZJA JUŻA DJALETT U/JEW AĊĊENT LI JIFTIEHEM MAL-KOMUNITÀ AERONAWTIKA.	STRUTTURA STRUTTURE GRAMMATIKALI RILEVANTI U FRAŻIJET RILEVANTI HUMA DETERMINATI MILL- FUNZJONIJET TAL-LINGWA MEĦTIEĠA GĦALL- FUNZJONI.	VOKABULARJU	ĦEFFA FIL-KLIEM	KOMPRESJONI	INTERAZZJONI
PRE- OPERATTIV 3	Pronunzja, aċċent, ritmu, u intonazzjoni, huma nfluwenzati mill-ewwel lingwa jew minn varjazzjoni reġjonali, u ta' spiss jkollhom x'jaqsmu mal-faċilità li wieħed jifhem.	L-istrutturi grammatiċi bażiċi u kumplessi u frażijiet rilevanti assoċjati ma sitwazzjonijiet prevedibbli mhumix dejjem kontrollati tajjeb. Żbalji ta' spiss jeffettwaw is-sinnifikat.	Il-firxa tal-vokabularju u l-preċiżjoni huma ta' spiss suffiċjenti biex tikkomunika b'mod effettiv fuq argumenti komuni, konkreti, jew dwar suġġetti relatati max-xogħol iżda din il-firxa hija limitata u l-għażla tal-kliem ta' spiss mhijiex kif għandha tkun. Ta' spiss mhux kapaċi jagħmel użu minn parafrasi b'suċċess meta il-vokabularju jkun limitat.	Kapaċi jesprimi kunċett, iżda l-użu ta' frażijiet u l-waqfiet ta' spiss mhumix kif għandhom ikunu. Kommunikazzjoni effettiva taf ma tinkisibx minħabba f'eżitazzjoni jew pproċessar tal-lingwa bil-mod. Kliem żejjed biex timla jafu jtellfu l-attenzjoni.	Il-komprensjoni hija ta' spiss preċiża fuq argumenti komuni, konkreti, u dwar suġġetti relatati max-xogħol meta l-aċċent jew varjazzjoni wżata hija suffiċjentament intelliġibbli għal komunità internazzjonali li tagħmel użu minnha. Jaf ma jirnexxilux jifhem problema lingwistika jew sitwazzjoni kumplikata jew sitwazzjoni mhux mistennija.	Ir-risposti huma ta' spiss mmedjati, kif suppost u informativi. Jaf jibda u jżomm konversazzjoni mingħajr tbatija fuq suġġetti familjari u f'sitwazzjonijiet prevedibbli. Ġeneralment inadegwat meta jkollu x'jaqsam ma' sitwazzjoni mhux mistennija.
ELEMENTARI 2	Pronunzja, aċċent, ritmu, u intonazzjoni, huma nfluwenzati b'mod qawwi mill-ewwel lingwa jew minn varjazzjoni reġjonali, u soltu jkollhom x'jaqsmu mal-faċilità li wieħed jifhem.	Juri biss kontroll limitat ta' ftit strutturi grammatikali sempliċi u frażijiet rilevanti li jaf bl-amment.	Firxa ta' vokabularju limitat li jikkonsisti biss ta' kliem iżolat u frażijiet li jaf bl-amment.	Kapaċi jesprimi kunċetti ferm qosra, iżolati, ta' bl-amment, bi waqfiet spissi u użu ta' kliem żejjed li jtellfuk, sabiex jaħseb fi espressjonijiet u biex ilissen kliem li mhumix tant familjari.	Il-komprensjoni hija limitata għal frażijiet iżolati, ta' bl-amment meta dawn ikunu artikulati b'attenzjoni u bil-mod.	Iż-żmien għar-risposta huwa bil-mod, u ta' spiss mhux xieraq. Interazzjoni hija limitata għal konversazzjonijiet sempliċi ta' rutina.

LIVELL	PRONUNZJA JUŻA DJALETT U/JEW AĊĊENT LI JIFTIEHEM MAL-KOMUNITÀ AERONAWTIKA.	STRUTTURA STRUTTURI GRAMMATIKALI RILEVANTI U FRAŻLIJET RILEVANTI HUMA DETERMINATI MILL- FUNZJONIJIET TAL-LINGWA MEĦTIEĠA GĦALL- FUNZJONI.	VOKABULARJU	ĦEFFA FIL-KLIEM	KOMPRESJONI	INTERAZZJONI
PRE- ELEMENTARI 1	Ma jilħaqx il-livell Elementari.	Ma jilħaqx il-livell Elementari.	Ma jilħaqx il-livell Elementari.	Ma jilħaqx il-livell Elementari.	Ma jilħaqx il-livell Elementari	Ma jilħaqx il-livell Elementari.

***Nota.**—Il-livell Operattiv (Livell 4) huwa il-livell minimu ta' komprensja rikjest għal komunikazzjonijiet tar-radjotelefonija. Il-Livelli 1 sa 3 jiddeskrivu livelli ta' kompetenza fil-lingwa Pre-elementari, Elementari, u Pre-operattivi rispettivament, li kollha jiddeskrivu livell ta' kompetenza li huwa anqas mir-rekwiżit ta' kompetenza tal-lingwa ta' l-ICAO. Il-livelli 5 u 6 jiddeskrivu livelli ta' kompetenza fil-lingwa Avanzata u Esperta, f'livell ta' kompetenza aktar avvanzat mill-Istandard minimu rikjest. Kollox ma' kollox, din il-klassifikazzjoni għandha sservi bħala riferiment għat-taħriġ u l-valutazzjoni, sabiex tgħin lill-kandidati jiksbu l-Livell Operattiv ICAO (Livell 4).*

ANNESS III

REKWIŻITI U KUNDIZZJONIJIET LI JRIDU JIĠU MEHMUŻA MAĊ- ĊERTIFIKATI MOGĦTIJA LIL MIN JIPPROVDI TAĦRIĠ

- (1) Ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 10 u 11 ser jkollhom x' jaqsmu b'mod partikolari:
 - (a) mal-kontenut, l-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-korsijiet,
 - (b) mal-mod kif l-eżamijiet jiġu organizzati,
 - (c) mal-kwalità u l-esperjenza ta' min iħarreġ u l-għalliema li huma parti mill-persunal,
 - (d) mal-faċilitajiet, tagħmir u akkomodazzjoni ta' min jipprovdi t-taħriġ,
 - (e) mas-sistemi u l-proċessi ta' tmexxija tal-kwalità,
 - (f) mal-kwalità tas-servizzi,
 - (g) mas-saħħa finanzjarja,
 - (h) mar-responsabbilitajiet u assigurazzjoni li tkoprik, u
 - (i) ma' l-istruttura tal-propjetà (ownership) u dik organizzativa
- (2) Iċ-ċertifikati ser jispeċifikaw:
 - (a) l-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni li toħroġ iċ-ċertifikati;
 - (b) l-applikant (isem u indirizz);
 - (c) it-tip ta' servizzi li huma ċertifikati;
 - (d) dikjarazzjoni tal-konformità ta' l-applikant bir-rekwiżiti msemmija fi punt (1);
 - (e) id-data tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.
- (3) Kundizzjonijiet addizzjonali meħmuża maċ-ċertifikati jistgħu, kif ikun meħtieġ, ikollhom x'jaqsmu ma':
 - (a) l-operazzjonijiet speċifiċi għas-servizzi partikolari;
 - (b) ż-żmien sa liema s-servizzi għandhom ikunu provduti;
 - (c) kull kundizzjoni legali oħra li mhux speċifika mas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, bħal kundizzjonijiet relatati mas-sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikat.